# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru ħamsa u ħamsin (55) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-3 ta' Awwissu, 2010 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mqabba fis-6.40pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farruġia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUŻAT: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-laqgħa bdiet fl-assenza ta' Charles Farrugia peress li daħal tard u n-nuqqas ta' preżenza ta' Paul Spiteri deher li kien ragjonevoli għaliex kellu jmur jassisti l-ommu l-isptar ħabta w sabta u ma laħaqx talabna bil-miktub biex ikun skużat.

3. Il-**minuti tas-seduta** kienu meħuda moqrija peress li ntbagħtu minn kmieni lill-kunsillieri u dawn kienu approvati u ffirmati.

4. Saret referenza għall-problema ta' **Triq il-Fjuri**, peress li issa l-kumplament tar-residenti (eskluża l-Familja Bondin) għamlu petizzjoni għand l-Avukat Anġlu Farrugia, li fiha oġġezzjonaw ma' *Transport Malta (TM)* għal dak kollu li qed jipproponu l-istess Famija Bondin. Hawn is-sindku qal li se ssir laqgħa bejn *TM* u l-kunsill nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Awwissu 2010 fuq is-sit.

5. Saret referenza wkoll mis-sindku għal-**laqgħa** li kellhom l-istess sindku kif ukoll is-segretarju eżekuttiv ma' *TM* u l-**Kunsill Lokali Qrendi**, nhar il-Ġimgħa 30 ta' Lulju 2010, fejn kienu diskussi l-arranġamenti tat-traffiku temporanju għal nhar u lejlet il-Festa ta' Santa Marija. Il-minuti ta' din il-laqgħa ttieħdu mis-segretarju eżekuttiv u se jiġu mgħoddija lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail*. Fost id-deċiżjonijiet meħuda kien hemm il-proposta li teħel tabella li tindika *bus terminus* temporanju fejn il-*bring-in-sites* ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, fi żmien il-festa peress li din se tkun ċirkulari lejn il-Belt Valletta.

6. Dwar il-*by-pass*, **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija**, is-sindku qal li l-***bus shelter*** il-ġdid kważi lest u l-ieħor mexxejnih in-naħa l-oħra tat-triq, grazzi għall-voluntier /resident 'Tal-Frida' li ħa dan l-inkarigu. Dan tal-aħħar issa se jservi ta' lqugħ għat-tfal li ta' kull xitwa jkunu qed jistennew it-trasport tagħhom lejn l-iskola.

7. Il-**linji tal-karreġġjata fl-istess triq** se jinbidlu kif kienu qabel skond *TM* u qed nistennewhom bil-ħerqa li jagħmlu dan ħalli ma jkunx hemm aktar inkonvenjent billi wieħed jieħu aktar fit-tul biex jidħol u joħroġ lejn daru.

8. Dwar il-***bus terminus* tat-350**, is-sindku qal li din tista' tinbidel mar-rotta ma' waħda ġdida, għaliex ir-riforma tat-transport pubbliku hija fil-qrib. Hawn intqal li issa aktarx se jinbena fejn hemm l-i*stage* eżistenti fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, u għalhekk mhux se jibqa' s-sit idejali għal *terminus*.

9. Dwar it-**tabelli li qabdu u waħħlu *TM***, is-sindku qal li dawn aktarx kellhom jeħlu fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma Triq Karmenu Ciantar u mhux suppost weħlu fi Triq Mikelang Sapiano kantuniera ma Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, liema konferma għad m'għandniex minn *TM*.

10. Għan-***no entry signs* li twaħħlu fi Triq id-9 ta' April u Triq il-Qattara**, is-sindku qal li dawn huma temporanji u fl-istess ħin obbligatorji sabiex it-toroq ikunu magħluqa fil-ħin tax-xogħol ta' kisi tat-toroq. Dawn se jerġgħu jinqalgħu eżatt kif jitlesta x-xogħol tal-KLM.

11. Il-**korsijiet tal-*computer*** issa waslu fl-aħħar u s-sindku ppropona li jkun hemm lezzjonijiet oħrajn fl-*advanced computer* kif ukoll ieħor fil-*PC health*, li jittratta dwar *formatting*, *viruses* eċċ u ieħor fl-introduzzjoni għall-*e-mail* u l-*internet* li hu maħsub li jibda għal Settembru 2010.

12. Dwar it-***token* li jingħata lil min ikun ħaqqu Ġieh l-Imqabba**, is-sindku qal li se noħorġu l-avviż għas-sejħa tal-kwotazzjonijiet biex issir il-forma għal dan it-*token* skond id-diżinn ta' Aaron Briffa li għamel ix-xogħol fuqhu senza interessi.

13. Minn informazzjoni mhux uffiċjali, is-sindku qal li l-Kazin Santa Marija se jitolbu lill-Kunsill Lokali Mqabba li jżidu t-**toqob tan-nar tal-art** fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Iżda dwar dan hu qal li kollox jindika li l-lejla hekk kif jiġu għad-*drink* li huma mistednin għalih wara din il-laqgħa, għandhom jitkellmu fuq din it-talba. Dawn it-toqob ser isiru a spejjeż tas-soċjetà stess.

14. Dwar l-**attività kulturali** li se jorganizza l-KLM fl-1 ta' Ottubru, is-sindku ppropona lill-KLM li naqsmu s-servizzi li hemm bżonn mill-KLM. Il-kunsillieri ma kellhom l-ebda oġġezzjoni għall-ħlas ta' €500 f'servizzi ta' banda lil kull każin tal-banda, €500 lil kull każin tal-banda għall-irmar tad-dawl fil-Pjazza u Triq il-Madonna tal-Ġilju kif ukoll għall-€500 f'nar tal-art lil kull każin tal-banda biex jintrama quddiem il-Kazin tal-Futbol. Dwar din tal-aħħar is-segretarju eżekuttiv qal li hemm bżonn li ssir *insurance* għaliex ma jridx lill-KLM jgħaddi minn xi esperjenza kerha kif għaddew tal-Furjana meta weġġa' tifel u dan fittex lill-kunsill. Għaldaqstant dwar l-aħħar servizz għadna rridu nindagaw mal-istess każini tal-banda li fuq kollox in-nar se jkun mixtri minn għandhom. Is-sindku qal li għal din l-attività kulturali talbna li jkun hemm *stands* al-ikel mill-każini wkoll u għalihom m'hemmx spejjeż minn naħa tas-soċjetajiet. Se ninvolvu wkoll lil *Montekristo Estates* biex jarmaw *bar* tal-inbid u se jkun hemm mużiċisti tradizzjonali *roving* bħal dawk taż-żavżava, filwaqt li fil-Kappella ta' San Bażilju jmur daqq aktar klassiku bħal dak tal-vjolin. Intant waqt din l-attività kulturali se jkun hemm ukoll il-wirja tal-galleriji antiki mill-*MEPA* fil-Pjazza tal-Knisja.

15. Minkejja li kien hemm il-ħsieb li fis-snin li ġejjin jinbidlu d-dati, l-attivitajiet **f'Jum l-Imqabba** din is-sena se jsiru fit-tielet ġimgħa ta' Ottubru. Dan qalu s-sindku meta kien issa kkonfermat li l-Quddiesa ta' Ringrazzjament issir il-Ħadd, nhar l-24 ta' Ottubru, l-Assemblea Lokali ssir nhar l-20 ta' Ottubru, fit-23 ta' Ottubru tinżamm is-serata Ġieh l-

Imqabba, u nhar it-22 ta' Ottubru ssir il-mixja għall-ewwel darba filwaqt li tinżamm l-attività mmirata għat-tfal fl-Iskola Primarja Mqabba.

16. Dwar il-proposti għal aktar **sigurtà fi Triq tas-Sejba**, is-sindku qal li issa l-*KOPTASIN* waslu biex iwaħħlu l-*barriers* mal-ħitan tal-barriera, filwaqt illi kienu approvati 20 *cats' eyes* biex jeħlu bejn karreġġjata w'oħra viċin is-*sub station* fl-istess triq ħalli fil-liwja, kull min jaqbez fil-*lane* oppost iħoss dawn l-iskossi fir-roti.

17. Dwar il-**għoti tat-*tarmac* fit-toroq** tagħna, is-sindku qal li aħna għandna x-xorti li ntagħżilna bħala *pilot project* minkejja li xorta se jkollna nħallsu għas-servizzi tal-ilma tar-residenti tagħna kollha għaliex kunsilli oħrajn se jħallsu bl-imgħax għal tmin snin peress li issa l-kunċett il-ġdid li daħlu għalih huwa dak tal-*Public Private Partnership*. Hu qal li propju għada f'nofs in-nhar se ssir konferenza stampa minn Dr Chris Said fil-*by-pass*. Dwar dawn ix-xogħlijiet issemma ilment li qsaret ftit is-*central strip* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin Triq il-Barrieri. Issemma wkoll it-*trunking* biex il-*wires* tad-dawl jinżlu taħt it-triq filwaqt li se nordnaw tabelli biex wieħed ikun jaf li hemm l-elettriku midfun għal sigurtà. Issemmiet il-palma infettata bil-mikrobu tar-*red palm weevil* li kien ukoll fil-gazzetti, kif ukoll il-parti tal-mejn tal-ilma li jinsab fi Triq il-Ħarriġiet li se jkollna nestenduh għaliex *pipe* tal-100mm kien qed jieħu minn fuq *pipe* tal-25mm.

18. Is-sindku semma l-oġġezzjoni li saret mill-KLM wara li ġie stabbilit li ma bbenefikajna mill-ebda **programm tal-Unjoni Ewropeja** f'dawk li għandhom x'jaqsmu t-turiżmu u l-iżvilupp rurali maniġjati mill-aġenzija tal-pagamenti, magħrufa bħala miżuri 313 u 323. Din issa qed nappellawha u nittamaw li fil-kaz tat-313 inkunu eligibbli li nikkwalifikaw għal dawn il-fondi.

19. Dwar il-*crossing* ta' *wire* minn quddiem il-Kazin tal-Ġilju għan-naħa l-oħra tal-Pjazza, is-sindku qal li l-permess tat-*trenching* sar għand is-segretarju ezekuttiv mill-kuntrattur *Asfaltar Ltd* u jidher li din qed issir (l-applikant) mill-KLM.

20. Il-sit elettroniku l-ġdid tal-KLM kien diskuss u s-sindku qal li mar huwa stess għand *Abakus Solutions* għaliex l-abbozz li bagħtulna m'għoġbux. Hu qal li hemm diffikultà jekk dan is-sit isirx bil-lingwa Maltija jew Ingliża. Mhux il-kunsillieri kollha qablu dwar dan.

21. Is-sindku żamm lill-kunsillieri infurmati li l-**ismijiet tat-toroq,** fost l-oħrajn dak ta' Triq Ġuzeppi Galea, twaħħlu wara li kienet riżolta diffikultà, u avżajna lir-residenti b'dan ħalli ma jkunx hemm aktar problem li ma jsibuhomx meta jiġu jfittxuhom.

22. Wara d-deċiżjoni meħuda fis-seduta preċedenti, se nagħmlu avviż fil-ħarga tal-fuljett "**Fuq l-Għatba tal-Kunsill**" numru 3, għall-kors tal-arti li se jinżamm fl-Isptar il-Qadim minn Ms.Maria Tonna.

23. Il-KLM għazel il-kwotazzjoni għall-istallazzjoni ta' **lampa li taħdem bix-xemx** mingħajr ma tkun imqabbda mal-*grid* ta' *Alberta Fire and Security*. Din se jkollha '*duration*' ta' '*13hrs operation 1 day autonomy'*, jiġifieri għażla B fuq il-bażi li f'Malta hija verament rari li ma toħroġx ix-xemx għal ġurnata sħiħa. Din se tiswa €2,436 u se tkun qed tagħti dawl artifiċjali bejn il-5.00pm u s-6.00am. *Alberta Fire and Security* kienu l-uniċi *bidders* f'din il-kwotazzjoni li nfetħet fis-seduta preċedenti.

24. L-għażla l-oħra għall-**marki tat-traffiku**, waqgħet fuq *KOPTASIN*. Dawn qed joffru li jagħmlu l-*parking bay* għal €0.70. Dwar dan xorta hemm bżonn klarifika għaliex għadna ma nafux jekk din isirilhiex biss il-kantunieri jew inkella l-kaxxa sħiħa "tliet sinjali". L-istess bħal *Alberta, KOPTASIN* kienu l-uniċi *bidders*.

25. Is-sindku ppropona li noħorġu kwotazzjoni oħra għall-forniment ta' **njam tal-aħmar** inċanat biex issir *gazebo* viċin il-ġnien tal-ġibjun. Il-KLM approva dan u l-avviż li ser jidher fil-jiem li ġejjin.

26. Il-**fond għat-titjib urban** tal-*MEPA*, kien diskuss. Il-mistoqsija ewlenija kienet f'hiex se nużaw dawn il-fondi. Dawn ma tistax tużahom biex isir *tarmac* bihom. Is-sindku ppropona li dawn jintużaw biex isir xogħol ta' pavimentar bl-i*stencelled concrete* fi Triq il-Fjuri. Hu qal illi biex inġebbduhom kemm nistgħu, għandu l-ideja li nitolbu lill-kuntrattur tagħna sabiex huwa jipprovdi persuna u nassistuh bil-ħaddiema tagħna ħalli nnaqqsu l-ispejjeż. Dan wara li naċċertaw ruħna li din il-proposta tikkwalifika permezz ta' *liason* mal-*MEPA*. F'din it-triq irridu nagħmlu *water culvert* bejn Triq Valletta u 'Meq House'.

27. Għad-***drink*** li ssoltu nagħtu **lill-bandisti fil-Festa ta' Santa Marija**, intqal li minkejja li ħafna drabi dan ingħata nhar il-festa fil-marċ ta' filgħodu, għandna nistaqsu lill-kumitat aktar tard il-lejla meta huma mistennija li jiġu jieħdu *drink* hawn fostna ħalli naraw jekk il-ġurnata hix idejali għalihom. Hemm ukoll l-istedina għall-programm strumentali nhar l-10 ta' Awwissu fil-Pjazza tal-Knisja. Dwar il-ftehim fuq traffiku konna diġà tkellimna mal-Gwardjani Lokali, *TM* u l-Pulizija.

28. Il-KLM iddiskuta **l-proposta ta' Iris Cutajar biex tkun allokata lilha l-kabbana fi Ġnien Tfal ir-Raħal.** Hija wriet l-interess li tagħmel dan filwaqt li żżomm il-latrina pubblika (bit-tindif b'kollox) miftuħa, li hemm fl-istess ġnien. Dan is-sit konna ħriġna l-offerta għalih fil-passat u ħadd ma kien interessat, u għamel xi żmien għand persuna li mbgħad ukoll kien tilef l-interess u ma baqgħax jiftħu. Il-kunsill aċċetta li jagħtihielha bi prova bejn Awwissu u Settembru filwaqt li kkonċeda li jsir qali ta' ikel ħalli possibilment ikun hemm ftit profitt għall-individwu filwaqt li dan ikun ta' ġid għalina billi ma jsirx aktar vandaliżmu u tinfetaħ il-latrina pubblika li ilha magħluqa aktar minn ħames snin. Iżda dwar regolamenti, dawn diġà kienu saru fil-passat u se jibqgħu jgħoddu.

29. Il-**laqgħa li jmiss tal-kunsill se ssir nhar il-31 ta' Awwissu 2010** u propju lejlietha se niltaqgħu mal-każini tal-banda biex niddiskutu flimkien l-attivitajiet ta' Ottubru. Is-sindku informa lill-kunsillieri li huwa se jkun imsiefer sal-25 ta' Awwissu 2010 u ma jkunx possibbli għalih jattendi laqgħat qabel din il-ġurnata minkejja li issa qed jagħfas iż-żmien. Intant fil-laqgħa ta' nhar il-31 ta' Awwissu 2010 se jittieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn biex jitħejja kollox għall-attivitajiet kollha ta' Ottubru.

30. Il-Kunsill approva ċ-**ċedoli tal-pagamenti numri 386 u 387.**

31. Il-kunsillieri kienet intbagħtitilhom il-lista tal-**korrispondenza** li bgħatna u li rċevejna mill-aħħar laqgħa s'issa u din kienet għad-disposizzjoni tagħhom fuq il-mejda tal-kamra.

32. F’punti oħra Nicholas Briffa semma t-talba tal-**Familja Zammit** fi Triq il-Parroċċa fejn dawn applikaw għal ***blue sticker*** biex eventwalment ikollhom *reserved parking* quddiem id-dar tagħhom. Is-sindku qal li jaf biha iżda hija impossibbli li tingħata din il-konċessjoni għaliex mad-dar hemm *garage.*

33. Il-Viċi Sindku Charles Farruġia daħal għas-seduta f’dan il-punt.

34. Nicholas Briffa semma d-diffikultà li għandhom ir-residenti bil-barriera fi Triq tas-Sejba li qed tintuża bħala sit li fih jintefa’ skart ta’ kostruzzjoni li eventwalment ikun konvertit f’terrapien għat-torba wara li jkun imkisser bil-***crushe****r*, bit-trabijiet li qed itiru għal fuq ir-residenti. Hu qal li bħala kunsill għandna nagħmlu oġġezzjoni formali. Is-segretarju eżekuttiv qal li kull min ġie jagħmel ilment qed ngħadduh lill-*MEPA* filwaqt li dan jibqa’ anonimu jekk ikun irid. Grace Marie Mallia wkoll qablet ma’ dan u qalet li l-ittra imissha ilha li ntbaghtet. Is-sindku qal li dan huwa każ ieħor fejn hemm *enforcement notice.* Is-sindku qal li aħna ser ikollna ċ-ċans kollu niddiskutu dan il-permess meta jitressaq quddiemna l-*Impact Assessment Report* tal-*MEPA* u jkollna smiegħ tal-*Board* tal-*MEPA.* F’dan l-istadju xogħolna qedgħdin nagħmluh billi nagħddu kull rapport li jidħlilna lill-*MEPA* li hija r-regolatur.

35. Qabel ma ntemmet din is-seduta ttellghu bil-polza l-ismijiet li waslula miż-**żgħażagħ** biex jingħataw lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħalli f’każ li jintgħażlu dawn ikunu jistgħu jsiefru fuq **program tal-Unjoni Ewropeja.** Il-KLM ikun obbligat li f’każ li jitilgħu, iħallsilhom il-passaġġ tal-ajru. Dawn telgħu f’din l-ordni, Sylvan Magro, Davinia Camilleri, Franklin Cassar, Chrystal Bugeja, Mersia Mackay, Maria Tonna, Sarah Farrugia u Steve Cardona.

36. Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>____ */08 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |